**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 340/2015MV**

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Roderick Falzon K.I nru 328877M**
**Natasha Falzon K.I. nru 193480M**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2015**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema is-socjeta' attrici talbet lill-konvenuti Roderick Falzon u Natasha Falzon ihallsu is-somma ta' tmint elef, disa' mija u tmienja u tmenin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€8,988.42), bilanc ghad-debitu fil-'loan accounts' taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok A1 sa A4 u Dok B1 sa B2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2015 sad-data ta' l-effettiv pagament, liema loans gew moghtija permezz ta' zewg skritturi privati datati 6 ta' Mejju 2008 u 30 ta' Awwissu 2011 (Dok C u D)

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati (Dok C u D) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Roderick Falzon u Natasha Falzon (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif

stipulati fl-imsemmija skritturi, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperkolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti iddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Gunju, 2015 (Dok E) u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi l-intimata Natasha Falzon debitament notifikata fl-14 ta' Dicembru 2015, skond ir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' fol. 22 tal-process, ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talbiet attrici.

Rat illi fis-seduta tal-lum dehret l-intimata assistita mill-Avukat Ian Vella Galea.

Rat illi l-intimati ammettew it-talbiet tar-rikorrenti permezz ta' nota ta' ammissjoni ta' tali talbiet ipprezentata seduta stante f'isem iz-zewg intimati.

Stante tali ammissjoni, l-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-intimati.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur